KunsillLokali – Ta' Sannat – Local Council

*Labor Ante Omnia*

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat**

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68

**It-Tlieta 11 ta' Lulju, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.40 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Joseph Bajada – Kunsillier (ittra annessa)
Kasy Mercieca – Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ (imejl annessa)

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 68

68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 67 - 8;

68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

68.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;

68.5 Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ;

68.6 M 4.4 – *(Support for non-productive investments) Restoring rubble walls in Ta' Sannat*;

68.7 Ilmenti u Suġġerimenti;

68.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7/2017;

68.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

68.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Joseph Bajada nfurmah b'permezz ta' ittra li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa. Is-Sinjorina Kasy Mercieca (l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-żgħażagħ) nfurmatu wkoll permezz ta' imejl li lanqas ma setgħet tattendi għal din il-laqgħa.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti preċidenti Nru 67 – 8

68.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 67 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-tkomplija bix-xogħolijiet ta' bdil ta' mains ġodda fi Triq il-Kalati mill-W.S.C. il-Kunsill informa lid-Dipartiment dwar dan u d-Dipartiment taħ il-parir biex il-kuntratt isir bejn il-MGOZ u l-Urban Improvement Fund mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li diġa kiteb u saret it-talba lill-U.I.F. dwar dan. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa tintbgħat reminder fuq din.

68.3.2 Is-Sindku qal li dwar Triq Gerxija bdew ix-xogħolijiet neċessarji biex tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak. Hu qal li hu mpossibli li din it-triq titlesta sa nhar il-festa tal-lokal cioe' 23 ta' Lulju 2017 iżda x-xogħol għaddej b'ritmu tajjeb.

68.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-pendenzi fuq il-kontijiet minn Miżura 313 (1st call) u minn Miżura 323, l-ARPA qalulna li dwar dan għadu għaddej mill-proċess biex isir il-ħlas dovut lill-Kuntrattur. Is-Sindku qal li hemm bżonn li nerġġħu niktbu bl-Avukat tal-Kunsill.

68.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat li nhar is-17 u t-28 ta' Lulju 2017 fil-lokal se jkun hawn mowbajl dentist b'xejn fil-Pjazza għar-residenti. Din hija inizjattiva mill-Ministeru għal Għawdex.

68.3.5 Is-Sindku qal li l-social mentor miċ-Ċentru Leap – Gozo talbet laqgħa biex il-Kunsill jiddiskuti diversi materji dwar familji jew individwi li għandhom bżonn dan is-servizz minn dan iċ-Ċentru. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li waqt din il-laqgħa ġie spjegat x'servizzi jofri ċ-Ċentru u biex dawk li javviċinaw lill-Kunsill għal xi tip ta' għajnuna nirreferuħ għal dan iċ-Ċentru.

68.3.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva imjel mingħand EcoGozo dwar installazzjoni ta' bicycle stands madwar il-lokalita'. Dwar dan ġie diskuss li jekk isiru dawn għandhom jiġu nstallati fejn il-playing field fi Triq Marziena, fejn l-entratura tal-iskola, fi Pjazza Santa Margerita u fi Pjazzetta Ta' Ċenċ.

68.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara diversi tentattivi mall-kumpanija GreenPak biex jiġu nstallati CCTV cameras fejn il-Bring in Site, din il-kumpanija laqgħet it-talba tagħna dan biex jinqata' l-abbuż minn individwi rresponsabli li qed iħamġu madwar dawn il-kontenituri u fil-madwar. Il-Kunsill ġie nfuramat li biex isir dan qabel jrid japplika għal meter tad-dawl ġdid mall-ARMS Ltd u li jiġu nstallati avviżi dwar dan. Il-Kunsill għandu jara dwar dan.

## 68.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

68.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem ma' uffiċjal miċ-Ċentru ta' matul il-Jum għal anzjani f'Għajnsielem dwar it-tiġdid tal-ftehim għas-sena 2017 – 2018 u dwar il-ħlas dovut ta' €973.82. L-uffiċċjal qal li dan il-ħlas jkopri t-transport minn Ta' Sannat u lura biss. Rigward kemm qed jattendu anzjani minn Ta' Sannat l-uffiċjal wieġbet li qed jattendu minn 2 sa 5 kull nhar ta' Erbgħa. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat imejl biex jirċievi lura bil-miktub dwar is-servizzi ta' dan is-servizz.

68.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu tkellem mall-kuntrattur tal-kumpanija Electrowaste li tiġbor il-ħwejjeġ u meta qallu li l-Kunsill jixtieq li jiġbor il-ħwejjeġ hu, f'post apposta minflok ma jsir kontenitur, il-Kuntrattur ma aċċettax għar-raġuni li dawn il-kontenituri qed jitbattlu matul il-lejl. Il-Kunsill qabel li għandu jsib kumpanija oħra biex il-Kunsill ikun jista joffri dan is-servizz.

68.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-ewwel kwart tas-sena 2017 dwar il-ġbir tar-reċiklaġġ mill-Kumpanija GreenPak li dan kien intbgħat lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

68.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar it-tabelli ta' no stopping fid-daħliet fi triq tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini twaħħlu kif kien mitlub mir-residenti li jiffrekwentaw din il-bajja lill-Kunsill.

68.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva imejl mingħand l-Onor Robert Cutajar Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Kunsilli Lokali, biex jekk il-Kunsill għandu l-pjaċir hu lest li jiltaqgħu ssir laqgħa apposta. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

68.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsillieri li nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju 2017, fis-6.30 p.m., fiċ-Ċentru Parrokkjali Maria Lauretana, f'Għajnsielem ser issir iċ-ċerimonja lil dawk il-parteċipanti li attendew għall-kors Għaqal id-dar Ħajja aħjar. Il-Kunsill ġie mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jekk ikun hemm parteċipanti minn dan il-kors li għandhom bżonn it-transport għal Għajnsielem u lura, l-Kunsill jorganizza dan. Il-Kunsillieri huma wkoll mistiedna jattendu għal din iċ-ċerimonja. Is-Sindku offra li joffri t-transport hu.

68.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Direttur għall-Gvern Lokali qed jitlob laqgħa dwar l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2016. Din il-laqgħa ser issir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Lulju 2017, fil-Kunsill Lokali Għajnsielem, fid-9.00 a.m.

68.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kumpanija Shield Consultants Ltd. bgħatet l-ewwel rapport dwar Saftey Audit dwar il-binja tal-Kunsill li dan sar fil-21 ta' Ġunju 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni dwar dawn in-nuqqasijiet u r-riskji biex jiġu rrimedjati. Il-Kunsill ra dan ir-rapport.

68.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nhar is-Sibt 1 ta' Lulju 2017 il-lift tal-Kunsill ma kienx qed jaħdem. Meta ġie t-tekniku instab li ż-żewġ UPS spiċċaw. L-ispisa għal dan hi

€174.88c. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu nstallati. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li għandu jitqabbad electrician biex jara l-vultaġġ tad-dawl dan għaliex hemm bżonn li jiġi nstallat voltage regulator f'dan il-bini.

68.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-kuntratt tat-tindif u manutensjoni tal-latrina pubblika fi Triq Sannat jista jerġa jiġġedded għal sena oħra b'effett mit-22 ta' Lulju 2017. Il-Kunsill qabel li jġġedded għax-xahar ta' Awwissu 2017.

## 68.5 Ambaxxatur / Ambaxxatriċi għaż-żagħażgħ

68.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva applikazzjoni waħda biss għal ambaxxatriċi taż-żgħażagħ. Il-Kunsill qabel li s-Sinjorina Georgette Spiteri tinħatar l-ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ il-ġdid minn Awwissu 2017. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sinjorina Kasy Mercieca għal kariga tagħha ta' Ambaxxatriċi matul dan l-aħħar żmien u li din l-esperjenza ser iġġorha tul ħajjita.

## 68.6 M 4.4 – Restoring of rubble walls in Ta' Sannat

68.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dritt wara li l-Kunsill applika għal M4.3, il-Kunsill ġie nfurmat b'applikazzjoni oħra minn Miżura 4.4 bl-isem *Support for non-productive investment linked to the achievement of agri-environment-climate objectives*. Minn din l-appikazzjoni il-Kunsill applika biex jirrestawra ħitan tas-sejjieħ qalb il-kampanja fi Triq Bardan u Triq tal-Gruwa. Għalhekk l-Perit intalab biex jaħdem u jlesti l-istimi u rapporti dettaljati fuq dawn il-ħitan biex il-Kunsill setgħa japplika minn din il-Miżura. B'hekk il-Kunsill ser ikun jista jibbenefika 80% minn fondi ewropej u 20% minn fondi tal-Kunsill minn din l-applikazzjoni. Dan ir-restawr ta' dawn il-ħitan ġew stmati mill-Perit għal Triq tal-Gruwa €45048.80 u Triq Bardan €47021.29. Din l-applikazzjoni għalqet nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju, 2017 u ġiet ssottometta fil-ħin. Il-Kunsill qabel ma dan il-proġett.

## 68.7 Ilmenti u Suġġerimenti

68.7.1 Mons. Tarċisio Camilleri ta' Triq Dun Xand Aquilina qed jilmenta rigward ħsarat fis-sistema tad-drenaġġ mill-bankina għat-triq. Il-Kunsill għandu jara jekk din il-probelma hux tas-sid jew mit-triq.

68.7.2 Dr Joseph Borg – Ko-ordinatur f'isem St Georges Flats Comodium Association minn Triq il-Kbira qed jilmenta li hemm biċċa mill-kurduna tal-bankina maqlugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu qabbad lill-ħaddiem assenjat mall-Kunsill biex din tiġi rranġata.

68.7.3 Is-Sur Joseph Grech ta' Triq il-Kbira qed jitlob li ż-żewġ bankijiet li hemm fuq il-bankina quddiem ir-residenza tiegħu jitneħħew peress li qal li huma ta' ostaklu.

68.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva lment mingħand l-Għaqda tal-Armar u anke minn residenti rigward żbir tas-siġar tal-ficus quddiem l-iskola l-qadima fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill għandu jara kif jista jsir dan.

## 68.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

68.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 7/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 68.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

68.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 ta' Awwissu 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum it-Tnejn 21 ta' Awwissu 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |